**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 20 ta' Ġunju 2024**

Rikors Numru: 233/24 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1365/1993)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi il-partijiet iżżewwġu fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993) kif jirriżulta mill-kopja taċ-ċertifkat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;

2. Illi minn dan iż-żwieġ kellhom tifel wieħed li jismu D illi twieled nhar l- ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993) u li llum huwa għaldaqstant maġġorenni, hekk kif jidher mill-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella datat tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed (2001) hawn anness u mmarkat bħala Dok. B;

3. Illi l-partijiet infirdu minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan- Nutar Dr. Nicholas Vella fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas sena elfejn u wieħed (2001) liema kopja tal-kuntratt hija annessa u mmarkata bħala Dok B. hawn fuq imsemmi u liema kuntratt ġie wkoll insinwat skond il-kopja tal- insinwa hawn annessa u mmarkata bħala Dok. C;

4. Illi għal kull buon fini qed jingħad illi ċ-ċertifikat taż-żwieġ juri isem il-parti l- oħra bħala C filwaqt illi l-kuntratt ta' separazzjoni juri l-isem C b'dan illi pero' din hija l-istess persuna u għalhekk ġie wkoll indikat in-numru tal-karta tal-identita' tal-imsemmija persuna fl-okkju fuq;

5. Illi kif ġie nnotat iktar 'il fuq ma hemmx manteniment fil-konfront tal-wild tal- partijiet u ukoll jirriżulta mill-klawsola numru hamsa tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi, il-partijiet kienu iddekadew mid-dritt ta' manteniment mingħand xulxin;

6. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

7. Illi għalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kodiči Civili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l- partijiet huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja x-xoljiment taż-żwieg eżistenti bejn il-partijiet u għaldaqstant jingħata tali divorzju bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, entro terminu determinat minn din l- istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal- partijiet biex dan jiġi irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Mejju 2024;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Frar 2001;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.